**Quddiem l-Arbitru ghas-Servizzi Finanzjarji**

**Kaz Nru. 077 2019**

**IS (l-ilmentatur)**

**vs**

**Bank of Valletta p.l.c. (C 2833)**

**(il-provditur tas-Servizz/il-Bank)**

**Seduta tal-15 ta' Settembru 2020**

**L-Arbitru,**

**Ra l-ilment fejn l-ilmentatur jissottometti** :

Illi l-Bank qed izzommlu d-dritt li jigbed flusu minn kont bankarju li huwa f'ismu.

Illi f'dan il-kont ghandu madwar €1,500.

Illi fuq dan il-kont m'hemm l-ebda proceduri fil-Qorti u, ghalhekk, huwa liberu li jigbed l-ammont depozitat.

Illi minghajr ebda raguni valida il-Bank mhux qed ihallih jizbanka l-flus minn dan il-kont ghax il-Bank qed jinsisti li ma jistax jizbankah wahdu.

Qed jitlob lill-Arbitru li jiddeciedi li hu jista' jigbed flusu minn dan il-kont u ghandu jordna lill-Bank li jaghmel tajjeb ghad-danni li sofra.

**Ra r-risposta tal-Bank li tghid**:

Illi l-ilmentatur jaf li hemm bzonn il-kunsens tal-ex-mara tieghu sabiex il-kont *Young Savers Account 400xxxx2072* jinghalaq jew il-flus jigu zbankati.

Illi mhux minnu li ma hemm l-ebda proceduri dwar dan il-kont ghaliex dan il-kont kien l-ewwel infetah f'ismu u f'isem martu, u kien hemm proceduri ta' separazzjoni ghaddejjin u l-mara tieghu ikkontestat l-gheluq tal-kont/gbid tal-flus mill-kont in kwistjoni.

Illi dan il-kont m'ghandux jinghalaq jew jigi zbankat qabel ma tixhed l-ex martu, XS, f'dawn il-proceduri u, jekk ikun il-kaz, XXXX, it-tifel taghhom.

Illi dan il-kont li l-ilmentatur jghid li hu tieghu huwa *Young Savers Account*.

Illi l-Bank jichad li kkawza xi danni lill-ilmentatur.

Il-provditur tas-servizz izid jghid li l-fatti tal-kaz huma s-segwenti:

1. L-ilmentatur u martu kienu fethu flimkien *joint Young Savers Account* f'isem it-tifel taghhom, XXXX. Is-*signing instructions* kienu '*anyone to sign'.*

2. L-ilmentatur talab sabiex dan il-kont jinghalaq u peress li kien '*anyone to sign*', il-Bank accetta dawn l-istruzzjonijiet.

3. Illi sussegwentement l-ilmentatur fetah kont iehor *Young Savers Account* bin-numru 400xxxx2072 f'isem 'MR IS A/C XXXX'.

4. Illi l-Bank imblokka dan il-kont fil-21 ta' Jannar 2013.

5. Illi l-Bank baghat jinforma lill-ilmentatur illi dan il-kont kellu jinghalaq u jinfetah iehor f'ismu u f'isem il-mara tieghu 'A/C XXXX'.

6. Illi l-Bank anke avza lill-ferghat tieghu illi jekk l-ilmentatur jitlob lill-Bank biex jinghalaq il-kont kellhom javzaw lil *Legal Office* tal-Bank.

7. Illi fl-4 t'Awwissu 2016, l-avukat tal-ilmentatur informa lill-Bank li kellu jawtorizza l-gbid tal-flus ta' dan il-kont mill-ilmentatur.

8. Illi l-Bank insista fl-ittra responsiva tieghu li ried il-kunsens ta' mart l-ilmentatur sabiex il-flus f'dan il-kont ikunu jistghu jigu rilaxxati.

9. Illi l-Bank offra wkoll l-alternattiva li peress li t-tifel kellu 16-il sena, seta' jiftah kont f'ismu bil-permess tal-genituri u l-flus ta' dan il-kont jghaddu ghandu f'dan il-kont il-gdid.

10. Illi fil-31 ta' Mejju 2017, l-avukat tal-ilmentatur rega' kiteb lill-Bank sabiex l-ilmentatur ikun jista' jizbanka l-kont izda l-Bank irrisponda li kien hemm bzonn il-firma tal-mara tieghu.

11. Illi fl-istess xahar, mart l-ilmentatur kienet marret il-Bank u insistiet li l-ammont fil-kont *de quo* jigi depozitat f'kont gdid f'isem it-tifel, XXXX.

12. Illi matul Ottubru 2017, il-Bank ircieva skambju ta' ittri mill-avukati ta' XS fir-rigward tal-istess kont mertu tal-kaz.

13. Illi fl-24 ta' Jannar 2018, l-ilmentatur ipprezenta ittra ufficjali kontra l-Bank li ghaliha l-Bank irrisponda. Fost fost affarijiet ohra, l-Bank qal li l-kont ma kienx f'ismu izda f''*Account XXXX'* taht l-iskema *Young Savers* u l-flus kienu gejjin minn kont bankarju li kien kongunt bejnu u martu; u l-Bank kien fetah il-kont odjern fuq struzzjonijiet tal-ilmentatur li ma kinux korretti.

    Il-Bank jerga' jinsisti fuq il-kunsens ta' ex-mart l-ilmentatur.

**Sema' lill-partijiet.**

**Ra l-atti kollha tal-kaz.**

**Jikkonsidra**

Bazikament, dan huwa kaz fejn l-ilmentatur qed jinsisti li flus li kien iddepozita f'kont il-bank intestat 'IS - A/C XXXX'[1] huma flusu u l-Bank ma kellu l-ebda dritt iwaqqfu milli jigbidhom.

Min-naha l-ohra, l-Bank jinsisti li peress li l-kont huwa *Young Savers Account* u l-flus gejjin minn kont precedenti li kien intestat f'isem l-ex-mara tal-ilmentatur ukoll, il-Bank ried li jkollu l-istruzzjonijiet tal-mara wkoll sabiex l-ilmentatur ikun jista' jaghlqu jew jizbankah.

**Il-Verzjoni tal-Ilmentatur**

[1] *A Fol.* 63

Fix-xhieda tieghu quddiem l-Arbitru, l-ilmentatur qal li s-separazzjoni ma' martu kienet konkluza, u kkonferma l-fatti li ddikjara fl-ilment tieghu li digà gew imsemmija aktar 'il fuq f'din id-decizjoni.[2]

**Verzjoni tal-Provditur tas-Servizz**

Ghall-provditur tas-servizz xehdet Tonia Parascandolo,[3] li hija *Senior Manager* fid-Dipartiment tal-*Customer Issues* tal-Bank. Hija ma kellha x'taqsam xejn mar-rifjut tal-Bank lill-ilmentatur. Saret taf bil-kaz meta waslilha l-ilment peress li hija ghandha x'taqsam mal-ilmenti tal-konsumaturi tal-bank.

Fost affarijiet ohra, ssemmi l-fatti li pprezenta l-Bank fir-risposta tieghu[4] u tikkonfermahom u tirrakkonta kif kont li kien intestat f'isem il-konjugi SS A/C XXXX kien inghalaq fuq struzzjonijiet tal-ilmentatur u, peress li kien '*anyone to sign',* il-Bank awtorizzah jizbanka.

Skont ix-xhud, dan kien *Young Savers Account.* Fl-istess jum li l-ilmentatur zbanka dan il-kont, fetah kont iehor *Young Savers Account* bin-numru 400xxxx2072 f'isem 'IS A/C XXXX' u l-*opening balance* tal-kont kien l-istess ammont li kien zbanka mill-kont precedenti.

Il-Bank ma kienx f'pozizzjoni li jirrilaxxa l-flus lill-ilmentatur li kienu fil-kont 400xxxx2072 billi (1) ex-mart l-ilmentatur oggezzjonat ghar-rilaxx tal-istess flejjes lill-ilmentatur u insistiet li l-flus kellhom jigu rilaxxati lill-wild taghhom, Josue, peress li l-kont bankarju mertu tal-kaz kien *Young Savers Account* miftuh '*on account of'* l-istess wild, (2) '*sabiex id-drittijiet tal-istess XS u/jew XXXX, ma jigux pregudikati'.*[5]

**Konsiderazzjonijiet ulterjuri u Konkluzjoni**

**Id-Dmir ta' *Disclosure***

F'dan il-kaz, l-Arbitru jinnota li l-Bank ipprezenta biss dokument wiehed sabiex isostni li l-flus fil-kont li hemm kwistjoni dwaru kienu gejjin minn kont kongunt

[2] Pagna 1 ta' din id-decizjoni
[3] *A Fol.* 47
[4] *A Fol.* 22 *et seq*
[5] *A Fol.* 47

bejn l-ilmentatur u l-ex-martu. Ma jipprezenta xejn dwar il-kont *de quo* u dwar it-termini u l-kundizzjonijiet ta' kif kien jahdem il-kont *Young Savers* fil-mument li nfetah.

Fuq din il-kwistjoni ta' prezentazzjoni ta' dokumenti u provi ohra, l-Arbitru jhoss li wasal iz-zmien li fi proceduri fejn hemm xi forma ta' litigazzjoni, tigi addottata l-prattika tad-*duty of disclosure* li tinsab f'gurisdizzjonijiet ohra. Din il-prattika tikkonsisti essenzjalment fi trasparenza kemm bejn il-partijiet u kemm mal-gudikant. Din il-prattika telimina l-prattika abbuziva tas-sorprizi u wkoll ta' habi ta' dokumenti sabiex il-gudikant jew jigi zvijat jew inkella jaghmel gustizzja parzjali billi jkun qed jiddeciedi fuq fatti selettivi u mhux kompluti.

Il-gustizzja titlob li jkunu pprezentati l-fatti kollha billi kull dokument jigi pprezentat qabel it-trattazzjoni tal-kaz u l-partijiet ikunu jafu ezattament fejn qeghdin.

Il-prattika tad-*duty of disclosure* titlob li l-partijiet jipprezentaw id-dokumenti kollha: dawk newtrali; id-dokumenti li jsostnu l-kaz tal-parti; u d-dokumenti li jistghu jimmilitaw kontra l-kaz tal-parti stess li tipprezentahom. Hemm limiti ghal dan billi certi dokumenti jistghu ikunu privileggjati u l-prezentazzjoni tad-dokumenti trid tkun ukoll proporzjonata ghall-kaz.

Din is-sistema ta' trasparenza tevita l-ingustizzji u ghandha tithaddem bl-aktar mod semplici possibbli billi l-partijiet jghaddu d-dokumenti lil xulxin jew tal-anqas jipprezentaw id-dokumenti **kollha** mal-i*statement* tal-kaz taghhom biex jigu evitati proceduri laboruzi li jistghu iwasslu biex il-kaz jitwal bla bzonn. Jekk parti tahbi xi dokument li jkun fil-pussess taghha dan iwassal biex dik il-parti titlef mill-kredibilità taghha fil-kaz.

Skont l-Artiklu 25(5) tal-Kap 555, l-Arbitru ghandu l-poter li jitlob il-produzzjoni ta' kull dokument kemm minghand il-partijiet u kemm minghand terzi persuni. Ghalhekk l-Arbitru digà qiegħed f'qaghda ahjar minn entitajiet gudizzjarji jew extra-gudizzjarji ohra ghaliex ghandu l-poter tal-investigazzjoni.

Imma, li ghandu f'mohhu l-Arbitru huwa mekkanizmu legali li jobbliga lill-partijiet, li malli jifthu jew jiddefendu l-kaz, awtomatikament u minn jeddhom iridu jipprezentaw dawk id-dokumenti fil-pussess taghhom biex id-dover tad-

*disclosure* isir fil-bidu nett tal-kaz, u kulhadd ikun jaf fejn hu. F'dan l-istadju kulhadd irid jikxef il-karti kollha u jpoggihom fuq il-mejda.

Ghalhekk, qabel ma l-kaz jibda jinstema', il-partijiet u l-professjonisti li jkunu qed jassistuhom, ikunu f'qaghda ahjar li jevalwaw sew il-kaz taghhom; u f'gurisdizzjonijiet ohra, dan wassal biex hafna drabi il-partijiet jaslu fi ftehim bonarju minghajr ma jinstema' l-kaz.

L-Arbitru jhoss li ghandhom isiru l-emendi necessarji fil-ligijiet taghna sabiex dan id-dover tad-*disclosure* isir parti essenzjali mil-ligijiet ta' procedura biex kull gudikant ikun jista' jaghmel gustizzja aktar kompluta u xierqa u l-partijiet ikollhom aktar opportunità li jiftehmu fi stadju bikri tal-proceduri. Dan ghandu jiddahhal bl-aktar mod semplici possibbli biex jigi evitat telf ta' zmien fit-tiftix tad-dokumenti kif, sfortunatament, gieli gara f'pajjizi ohra.

**Provediment tal-Arbitru**

**Peress li f'dan il-kaz l-Arbitru hass li xi dokumenti importanti ma gewx esibiti mill-provditur tas-servizz, permezz ta' provediment tat-2 ta' Settembru 2020, l-Arbitru talab lill-provditur tas-servizz dawn id-dokumenti:**

a) **L-*application form/mandate* li ghamel l-ilmentatur meta fetah il-kont *Young Savers Account* bin-numru: 40xxxx2072;**

b) **It-*Terms and Conditions* tal-*Young Savers Accounts* fiz-zmien li nfetah il-kont 'il fuq imsemmi.**

L-Arbitru jinnota li l-Bank ikkopera f'dan ir-rigward u pprezenta dawn id-dokumenti immedjatament anke qabel ma skada t-terminu moghti lilu .

Minn dawn id-dokumenti l-Arbitru jinnota qabel xejn li, ghalkemm il-Bank jghid li l-ewwel kont li nfetah mill-ilmentatur u martu kien *Young Savers Account*, l-*Account Opening Form*[6] ma turi xejn minn dan. Hemm indikat biss li l-*account holders* huma l-konjugi XS, u l-isem tat-tifel, XXXX, jidher biss fl-*Alternative Account Designation*.

[6] *A Fol.* 26

Bhala *Account Designation* jidhru biss l-ismijiet tal-konjugi SS. Bhala *Account Details* hemm: '*LM Savings'* u mhux *Young Savers Account,* kif hemm fil-kont l-iehor mertu tal-kaz fejn huwa indikat li huwa *'Young Savers Account.'*[7]

Mill-indikazzjonijiet li ghandu l-Arbitru jidher car li l-*account holders* kienu biss il-konjugi SS.

Il-Bank agixxa korrettement meta  awtorizza li l-flus iddepozitati f'dan il-kont setghu jingibdu mill-ilmentatur ghaliex fl-*Opening Account Form* jidher car li l-flus setghu jingibdu kemm mill-ilmentatur u kemm mill-mara tieghu peress li s-*signing instructions* kienu '*any one to sign'*.

Il-Bank agixxa wkoll b'mod korrett meta l-ilmentatur fetah it-tieni kont intestat '*IS A/C XXXX'* u din id-darba l-*Account Details* juru '*Young Savers Account*'.[8]

Il-kwistjoni qamet ghaliex mart l-ilmentatur insistiet mal-Bank biex dan ma jirrilaxxax il-flus lill-ex-ragel taghha. F'dan il-kuntest, il-provditur tas-servizz huwa ekonomiku hafna dwar il-fatti u ma jghidx ezattament fuq liema bazi legali qaghad fuq l-istruzzjonijiet ta' ex-mart l-ilmentatur.

Fix-xhieda taghha, l-uniku xhud tal-provditur tas-servizz, tghid biss ghalfejn il-Bank irrifjuta l-izbank: u, *cioè,* ghaliex ex-mart l-ilmentatur, XS, riedet li l-flus jigu rilaxxati lil binha ghaliex il-kont *de quo* kien miftuh '*on account of'* l-istess wild u wkoll '*sabiex id-drittijiet tal-istess XS u /jew XXXX ma jigux pregudikati*.'[9]

Fin-nota ta' sottomissjonijiet tal-provditur tas-servizz jigi spjegat ukoll li l-Bank ried il-firma ta' ex-mart l-ilmentatur u deherlu li ma kellux jirrilaxxa l-flus lill-ilmentatur ghaliex il-kont kien *Young Savers Account* u kien intenzjonat ghall-beneficcju ta' wild l-ilmentatur.

Fir-risposta tieghu ghall-ittra ufficjali tal-ilmentatur, il-Bank isemmi wkoll li l-ilmentatur kellu jgib il-firma tal-ex-mara tieghu peress li l-flus '*kienu provenjenti mill-kont kongunt ta' bejnek u bejn martek'.*[10]

*Il-Firma ta' Ex-Mart l-Ilmentatur*

---

[7] *A Fol.* 63
[8] *Ibid.*
[9] *A Fol.* 47
[10] *A Fol.* 34.

L-Arbitru hu tal-fehma li l-insistenza tal-Bank ghall-firma tal-ex-mara m'ghandha l-ebda bazi legali. Qabel xejn, ma jirrizultax mill-provi li ressaq il-Bank li ex-mart l-ilmentatur kienet kisbet xi mandat ta' sekwestru jew ta' inibizzjoni minn Qorti kompetenti sabiex timblokka l-kont. Ghalhekk jibqa' nebuluz hafna fuq liema bazi legali XS kienet qed tinsisti biex il-Bank jimblokka l-kont *de quo.*

Lanqas jista' jigi argumentat li dawn il-flus kienu tal-komunjoni tal-akkwisti ghaliex l-ilmentatur gab prova li s-separazzjoni personali bejnu u bejn martu sehhet fid-**29 t'April 2015** permezz ta' sentenza tal-Prim'Awla tal-Qorti Civili.[11] Permezz tal-istess sentenza giet xolta l-komunjoni tal-akkwisti bejn il-konjugi XS.

Ghalhekk meta l-ilmentatur, fl-**4 t'Awwissu 2016**, permezz tal-avukat tieghu talab biex jigbed il-flus mill-kont in kwistjoni, kienet digà giet xolta l-komunjoni tal-akkwisti, u l-Bank kien f'pozizzjoni li jitlob lill-ex-mart l-ilmentatur (li kienet qed toggezzjona) li ggib prova li dak il-kont kien ghadu jappartjeni lill-istess komunjoni jew li kien gie assenjat lilha fil-likwidazzjoni tal-komunjoni. Il-Bank ma gab l-ebda prova quddiem l-Arbitru f'dan is-sens u, ghalhekk, l-Arbitru ma jsib l-ebda raguni legali valida ghalfejn il-Bank ried il-firma tal-mara **specjalment fl-istadju fejn kienet digà xolta l-komunjoni**.

Apparti l-fatt, li isem l-ex-mara mkien ma jidher fuq il-kont. Li kieku riedet tiddefendi l-interessi ta' binha, XS, kellha tiehu rimedji legali u tikseb l-awtorizzazzjoni tal-Qorti ghal dan l-iskop.

**Imma semplici oppozizzjoni minn XS minghajr ebda bazi legali ma kinetx bizzejjed sabiex il-Bank jaccetta li jimblokka l-kont tal-ilmentatur fuq din il-bazi.**

*Jekk il-kont huwiex tal-ilmentatur u/jew ta' Josue*

Il-Bank isostni li galadarba l-kont kien *Young Savers Account*, u kien intestat 'IS A/C XXXX', allura, l-Bank ma setax ihalli lill-ilmentatur jigbed il-flus ghaliex dawn il-flus kienu intenzjonati ghall-minuri, Josue.

Huwa minnu li meta jinfetah kont fejn jissemmew il-minuri, dawn il-kontijiet jistghu jiehdu diversi forom. Peress li t-tfal ma jistghux jiddeciedu huma, minhabba l-età, ghaliex ikunu minorenni, huma l-genituri li jiddeciedu x'tip ta'

[11] *A Fol.* 54

depozitu jaghmlu u, fuq kollox, jiddeciedu huma min ghandu jkollu access ghal dan il-kont.

Il-kont huwa regolat minn dak li jissejjah '*account mandate*', maghruf ukoll bhala '*account signing authority*'. L-*account mandate* normalment jistabbilixxi min ghandu jkollu access ghal dak il-kont. F'gurisdizzjonijiet ohra, il-genituri ta' dawn il-kontijiet jistghu jiddeciedu: jew li huma biss ikollhom access ghal dawn il-kontijiet; jew il-genituri jistghu jiddeciedu li joperaw dan il-kont flimkien mal-minuri; jew jistghu jiddeciedu wkoll li l-kont jigi operat biss mill-minuri.

F'dan il-kaz, l-*account opening form/mandate* tal-kont in kwistjoni, ma giex ipprezentat u, ghalhekk, l-Arbitru talab lill-Bank biex jissottometti l-istess dokument. Il-Bank issottometta l-*Opening of Account Form*[12] li huwa d-dokument baziku li jiddeskrivi l-kont mertu tal-kaz.

Minn dan id-dokument jirrizulta li:

1. L-*account designation* hija IS A/C XXXX;
2. *Account Holder* - IS bid-dettalji personali tieghu;
3. *Account Details*: *Young Savers Account.*

Minbarra din l-informazzjoni m'hemmx aktar dettalji u, galadarba m'hemmx b'mod specifiku li dan il-kont jista' jigi operat mill-minuri, allura, l-kont huwa tal-*account holder*, li fil-fatt huwa l-ilmentatur. M'hemm l-ebda limitu kif jigi operat dan il-kont minnu hlief ghat-termini u l-kundizzjonijiet tal-*Young Savers Account*.

Ghalhekk, l-Arbitru talab ukoll ghat-*Terms and Conditions* tal-*Young Savers Accounts* fiz-zmien meta nfetah dan il-kont.

Huwa minnu li, kif qal il-Bank, din l-iskema ta' tifdil kienet intenzjonata sabiex it-tfal jidraw ifaddlu u meta jikbru aktar fl-età, jkunu jafu joperaw kont bankarju. L-ghan tal-Bank wara din l-iskema kien wiehed ta' min ifahhru, anke ghall-fatt ukoll li dan il-kont igorr mieghu rata ta' imghax vantaggjuza.

[12] *A Fol.* 63-64

Però, minkejja dan, fit-*Terms and Conditions of Use*[13] hemm car u tond li l-kont jappartjeni lill-*Account Holder* u l-minuri m'ghandu l-ebda jedd ghalih.

Il-partijiet saljenti ta' dawn it-termini ghall-uzu tal-kont huma dawn:

**'11)** ***The Account shall belong exclusively to the Account holder and the Minor has no legal rights to the Account.***

***19) Withdrawals from the Account can only be made by the Account holder.***

***Termination of Account***

***22) The total balance in the account can be withdrawn by the account holder 5 years after the account is opened and every 5 years thereafter. Upon expiry of every 5-year term and if the child is still under fifteen years of age, account holders have a grace period of 15 days to decide what they wish to do with the account. If the account is not closed after the 5 years elapse, then it is renewed with the same conditions but at the prevailing interest rates set on the Young Savers Account. The total balance in the account can also be withdrawn by the account holder when the minor reaches the age of 12 (twelve).***

***23) The Account will be automatically terminated when the Minor attains fifteen (15) years of age (hereinafter referred to as the "Date of Termination").***

***24) Unless the Bank receives prior written instructions from the Account holder, on the Date of Termination, the Bank shall transfer the balance in the Young Savers Account to a savings account in the name of the account holder.'***

**Minn dawn il-kundizzjonijiet marbutin mal-kont in kwistjoni jirrizulta bl-aktar mod car li sid il-kont huwa ESKLUSSIVAMENT l-*account holder* (l-ilmentatur) u li l-minuri m'ghandu l-ebda jedd legali ghalih.**[14]

Ghalhekk, dak li qed jghid il-Bank, li l-minuri ghandu jedd ghal kont ghaliex fil-kont sempliciment jissemma' ismu - u ghaliex il-kont huwa *Young Savers Account* - m'ghandu l-ebda bazi legali. Kieku l-Bank ried jaghmel hekk, messu nizzel dawn il-kundizzjonijiet fit-*Terms and Conditions of Use*, haga li m'ghamilx.

---

[13] *A Fol.* 71 *et seq*

[14] Ara kundizzjoni 11 aktar 'il fuq

Barra minn hekk, kundizzjoni 22 tghid li l-bilanc kollu tal-kont jista' jingibed mill-*account holder* meta l-minuri jaghlaq 12-il sena. Il-minuri Josue twieled fit-23 t'Awwissu 1999[15] u, ghalhekk, meta nfetah il-kont 400xxxx2072 fil-25 t'Awwissu 2011, il-minuri kien digà kellu 12-il sena. Ghalhekk, teknikament, l-ilmentatur seta' jaghlaq il-kont meta jrid.

Izda, kundizzjoni 23 tghid li kif il-minuri jaghlaq 15-il sena, il-kont jigi awtomatikament terminat. Fid-data tat-terminazzjoni, jekk il-Bank ma jircevix struzzjonijiet ohra, jittrasferixxi l-bilanc tal-kont f'*savings account* f'isem l-*account holder*.

F'dan il-kaz jirrizulta li meta l-ilmentatur ried jigbed l-ammont ghal darb'ohra fl-4 t'Awwissu 2016, il-minuri kien digà ghalaq it-12-il sena,[16] u kellu kwazi sbatax-il sena. Skont kundizzjoni 23, il-kont kien skada u l-Bank, minghajr ebda talba tal-ilmentatur, kellu jittrasferixxi l-flus awtomatikament f'kont *savings* f'isem l-ilmentatur.

Minn dan kollu jirrizulta li l-ilmentatur kellu kull dritt jitlob li jizbanka l-bilanc tal-kont ghaliex dan kien skont it-termini tal-uzu tal-kont u, bla dubju, kien is-sid tal-kont minghajr ma l-minorenni kellu l-ebda dritt legali dwaru.

Ghalhekk ir-ragunijiet li gab il-Bank ghar-rifjut tal-izbank tal-kont mill-ilmentatur kienu bla bazi legali .

**Ghal dawn il-motivi l-Arbitru jiddeciedi li l-ilment huwa wiehed gust, ekwu u ragonevoli u qed jilqghu sakemm huwa kompatibbli ma' din id-decizjoni.**

**Rimedju:**

**Ghaldaqstant, l-Arbitru jordna sabiex immedjatament il-Bank jirrilaxxa favur l-ilmentatur il-bilanc tal-kont mertu ta' dan il-kaz.**

**L-Arbitru jhoss li jkun gust u ekwu li, peress li l-Bank ma kellu l-ebda bazi legali sabiex izomm flus l-ilmentatur, ihallas l-imghax legali mid-data tal-ftuh tal-kaz quddiem l-Arbitru sad-data tal-hlas effettiv tal-bilanc tal-kont lill-ilmentatur.**

**L-ispejjez tal-kaz huma ghall-provditur tas-servizz.**

---

[15] Ara certifikat tat-twelid *a Fol.* 65

[16] *Ibid.*

**Dr Reno Borg**
**Arbitru ghas-Servizzi Finanzjarji**